DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/277

tad-19 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK [1].

(2) Il-Kunsill għamel reviżjoni tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, filwaqt li qies l-iżviluppi politiċi fiż-Żimbabwe.

(3) Il- miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sal-20 ta' Frar 2016.

(4) L-applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-assi għandha tinżamm għal żewġ persuni u entità waħda mniżżlin fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Is-sospensjoni tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-assi għall-persuni u l-entitajiet kif elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni għandha tiġġedded ukoll. L-ismijiet ta' ħames persuni mejta għandhom jitneħħew mill-Anness I u II ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija sostitwita b'li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2016.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 4(1), 5(1) u 5(2), safejn japplikaw għal persuni u entitajiet elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2016.

Is-sospensjoni għandha tiġi riveduta kull tliet xhur.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġi estiża, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha ma ntlaħqux.".

Artikolu 2

L-ismijiet tal-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jitneħħew mill-Anness I u II tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

[1] Deċiżjoni 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
E. RINKĒVIČS

ANNESS

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)
1.	CHINDORI-CHININGA, Edward Takaruza
2.	KARAKADZAI, Mike Tichafa
3.	SAKUPWANYA, Stanley Urayayi
4.	SEKEREMAYI, Lovemore
5.	SHAMUYARIRA, Nathan Marwirakuwa